## Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daniel Zammit]**

**vs**

**Zarko Kisovec**

**Kumpilazzjoni Numru: 604/12**

**Illum, 18 ta’ Frar, 2013**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Zarko Kisovec detentur tal-karta tal-identita` numru 66425(M).

Akkuzat talli:

> Nhar it-2 ta’ April 2012, ghal habta tal-ghaxra ta’ filghodu (10:00hrs), gewwa l-istabbiliment McDonald’s li jinsab fi Triq ir-Repubblika, Valletta, ikkommetta serq ta’ mobile phone ghad-dannu ta’ Amanda Schembri, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Stante li l-akkuzat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u stante li huwa rritorna l-oggetti misruqa;

Wara li l-Qorti semghet l-ezami tal-imputat fejn huwa ammetta l-akkuza kif dedotta kontrih anke wara li nghata zmien sufficjenti sabiex jirregola ruhu, huwa kkonferma tali ammissjoni;

Wara li rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 267 U 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Zarko Kisovec hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tliet (3) snien millum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

______________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**